Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-3 ta' Marzu, 2010 mogħti mill-Qorti tal-Prim' Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat mis-soċjetà HSBC Bank Malta plc fil-5 ta' Jannar, 2010, qed jintalab l-iżbank tal-ammont ta' €1,539.10 depożitati b'ċedola numru 1477/2009 fl-ismijiet:

HSBC Bank Malta plc vs Emanuel Schembri.

Il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors b'ġimgħa żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Prim' Awla Ċivili (Malta), illum 9 ta' Marzu, 2010.

SAVIOUR AQUILINA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 3rd March, 2010 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by HSBC Bank Malta plc on the 5th January, 2010, is asking for the withdrawal of the amount €1,539.10 deposited by Schedule of Deposit number 1477/2009 in the names of:

HSBC Bank Malta plc vs Emanuel Schembri.

The Court ordered the notification of this application with a week's notice for filing a reply.

Registry of the First Hall of the Civil Courts (Malta), today the 9th March, 2010.

SAVIOUR AQUILINA
For the Registrar of Courts and Civil Tribunals

464

B'digriet mogħti fit-3 ta' Marzu 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Aaron Haroun et, ittra numru 2102/08, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Din l-ittra qed tintbagħat taħt l-Artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u intiża sabiex tirrendi l-kuntratt notarili hawn taħt imsemmi eżegwibbli, liema kuntratt jikkostitwixxi titolu eżekuttiv a tenur tal-Artikolu 253(B) tal-Kap. 12.

Għalhekk huwa fl-interess tagħkom li tkellmu Avukat jew Prokuratur Legali mingħajr dewmien.

By means of a decree given on the 3rd March 2010, in the records of the judicial letter in the names Lombard Bank Malta plc vs Aaron Haroun et, letter number 2102/08, the First Hall Civil Court, ordered the following publication, for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

This letter is being sent under Article 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta) and intended to render the hereunder mentioned notarial contract executive, which contract constitutes an executive title in terms of Article 253(B) of Cap. 12.

Thus it is in your interest to consult a Lawyer or Legal Procurator without delay.

Illum 7 ta' Lulju 2008.

Lil Aaron Haroun u martu Victoria Azzopardi Haroun.

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali Lombard Bank Malta plc jirreferikom għall-kuntratt ta' self u bejgħ, fl-atti tan-Nutar Sandro Schembri Adami, datat 9 ta' Frar 2001, li kopja legali tiegħu hija hawn annessa u mmarkata Dok 'A' u li qiegħed jiġi reż titolu eżekuttiv in virtu tal-preżenti, u għaldaqstant jinterpellakom in solidum sabiex fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tan-notifika ta' din l-ittra tħallsu s-somma ta' erbatax-il elf, tliet mija tnejn u għoxrin punt zero wieħed Ewro (€14,322.01) dovuta a tenur tal-istess kuntratt skont statement hawn anness u mmarkat Dok 'B' bl-interessi kkalkolati sad-9 ta' Ġunju 2008, oltre l-imgħaxijiet ulterjuri, mill-10 ta' Ġunju 2008, sad-data tal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' ħlas il-Bank mittenti javżakom li se jittieħdu l-passi ulterjuri kontra tagħkom in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tiegħu mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Mittent: 1) 67, Republic Street, Valletta.
Interpellati: 143, Dar il-Wied, Triq il-Ħemel, Swieqi, SWQ 3053 (żewġ notifiki).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Marzu 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 7th July 2008.

To Aaron Haroun and his wife Victoria Azzopardi Haroun.

By the present judicial letter Lombard Bank Malta plc refers you to the contract of loan and sale in the records of Notary Sandro Schembri Adami, dated 9th February 2001, a legal copy of which is hereby attached and marked Doc'A' and which is being rendered an executive title in virtue of the present, and thus calls upon you so that within seven days from the service of this letter, you pay the sum of fourteen thousand, three hundred twenty two point zero one Euro (€14,322.01) due in terms of the same contract according to a statement hereby attached and marked Doc 'B' with interests, calculated till the 9th June 2008, besides further interests, from the 10th June 2008, till the date of effective payment.

In default of payment the interpellant Bank warns you that further steps will be taken against you in execution of their executive title without any other prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourslves.

With costs and legal interest.

Interpellant: 1) 67, Republic Street, Valletta.
Respondents: 143, Dar il-Wied, Triq il-Ħemel, Swieqi, SWQ 3053 (two services).

Registry of the Superior Court, today 9th March 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribubnals

465

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja fit-18 ta' Diċembru 2009, Rikors Numru 873/2009, minn Carmen Pace u oħrajn, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmen Pace, armla minn Charles, Antonio sive Anthony Calleja, Emmanuela sive Nellie Lee, mart Chris, John Baptist Calleja, Maria sive Mary Formosa, mart Anthony, Grace Micallef mart Charles, Calcedonio Calleja, Michael John Calleja, Josephine Azzopardi mart Edward, ulied il-mejtin Salvatore u Caterina neè Micallef u dan fi kwota ta' parti waħda minn tletin parti (1/30) kull wieħed u waħda minnhom; favur Calcidonio Bonavia, Mary Bonavia, xebba, Emmanuela Mallia, mart Joseph, Carmen Catania mart Victor u Josephine Cucciardi mart Joseph, ulied il-mejtin Joseph Bonavia u Carmela neè Micallef u dan fi kwota ta' parti waħda minn tletin parti (1/30) kull wieħed u waħda minnhom; favur Calcidonio Bilocca, Joan Gauci, mart

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 18th December 2009, Application number 873/2009 by Carmen Pace and others, whereby they prayed that it be declared open favour of Carmen Pace, widow of Charles, Antonio sive Anthony Calleja, Emmanuela sive Nellie Lee, wife of Chris, John Baptist Calleja, Maria sive Mary Formosa, wife of Anthony, Grace Micallef wife of Charles, Calcedonio Calleja, Michael John Calleja, Josephine Azzopardi wife of Edward, children of the late Salvatore and Caterina neè Micallef and this in the quota of one thirtieth (1/30) each one of them; in favour of Calcidonio Bonavia, Mary Bonavia, unmarried, Emmanuela Mallia, wife of Joseph, Carmen Catania wife of Victor and Josephine Cucciardi wife of Joseph, children of the late Joseph Bonavia and Carmela neè Micallef and this in the quota of one thirtieth (1/30) each one of them; in favour of Calcidonio Bilocca, Joan Gauci, wife of Richard,

Richard, Mary Abela mart Angelo, ulied il-mejtin Emmanuele Bilocca u Salvina neè Micallef u dan fi kwota ta' parti waħda minn tletin (1/30) kull wieħed u waħda minnhom; u favur Giorgina Azzopardi, bint Angelo Micallef u Giuseppa sive Guza neè Chetcuti u dan fi kwota ta' parti waħda minn tletin (1/30); favur Agnes Micallef, mart Mario, Joseph Micallef, Spiridione sive Dione Micallef, George Micallef, Maria Dolores Mercieca mart Joseph, Ludgardo sive Richard Mic allef, Charles sive Charlie Micallef, Calcedonio Micallef, ulied Emanuel Micallef u Cristina neè Debattista, u dan fi kwota ta' parti waħda minn tletin parti (1/30) kull wieħed u waħda minnhom; favur Silvana Micallef u Stefan Micallef ulied il-mejjet John Micallef u dan fi kwota ta' parti waħda minn sittin parti (1/60) kull wieħed u waħda minnhom; u favur Don Micallef, Helen Lindsay, Lilian Meyerhans, ulied il-mejtin Paul Micallef u Josephine neè Muscat u dan fi kwoti ta' parti waħda minn tletin (1/30) parti kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Carmelo Micallef, armel minn Catarina Micallef, iben il-mejtin Calcedonio u Maria Antonia sive Antonia Farrugia, imwieled Marsa u kien joqgħod Marsa u miet Pietà fl-10 ta' Mejju 2008 ta' 78 sena u li kellu karta tal-identità bin-numru 0790529(M) u miet b'testment li fih ma ġewx nominati eredi.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 9 ta' Marzu 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Mary Abela wife of Angelo, children of the late Emmanuele Bilocca and Salvina neè Micallef and this in the quota of one thirtieth (1/30) each one of them; and in favour of Giorgina Azzopardi, daughter of Angelo Micallef and Giuseppa sive Guza neè Chetcuti and this in the quota of one thirtieth (1/30); in favour of Agnes Micallef, wife of Mario, Joseph Micallef, Spiridione sive Dione Micallef, George Micallef, Maria Dolores Mercieca wife of Joseph, Ludgardo sive Richard Micallef, Charles sive Charlie Micallef, Calcedonio Micallef, children of Emanuel Micallef and Cristina neè Debattista, and this in the quota of one thirtieth (1/30) each one of them; in favour of Silvana Micallef and Stefan Micallef children of the late John Micallef and this in the quota of one sixtieth (1/60) each one of them; and in favour of Don Micallef, Helen Lindsay, Lilian Meyerhans, children of the late Paul Micallef and Josephine neè Muscat amd this in the quota of one thirtieth (1/30) each one of them the SUCCESSION of Carmelo Micallef, widower of Catarina Micallef, son of the late Calcedonio and Maria Antonia sive Antonia Farrugia, born in Marsa resided in Marsa and died in Pieta on the 10th May 2008 aged 78 holding identity card number 0790529(M) were he died leaving a will but no heirs were nominated.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 9th March 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

466

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja fis-16 ta' Frar 2010, Rikors Numru 123/2010, minn Tania Cauchi, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż; u favur Rebecca u Jacob aħwa Cauchi ulied id-decujus u dan fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' żewġha Noel Cauchi, iben Joseph Cauchi u l-mejta Maria Dolores neè Camilleri, imwieled Attard, kien joqgħod iż-Żurrieq u miet Tal-Qroqq limiti tal-Imsida fl-14 ta' Novembru 2009 ta' 36 sena u li kellu karta tal-identità bin-numru 087573(M) u miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 16th February 2010, Application number 123/2010 by Tania Cauchi, whereby she prayed that it be declared open in her favour in the quota of one half (1/2) undivided share; and in favour of Rebecca and Jacob brother and sister Cauchi children of the decuius in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the SUCCESSION of her husband Noel Cauchi, son of the Joseph Cauchi and the late Maria Dolores neè Camilleri, born in Attard, lived in Żurrieq and died in Tal-Qroqq limits of Imsida on the 14th November 2009, intestate, aged 36, holding identity card number 087573(M).

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 9 ta' Marzu 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 9th March 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

467

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-23 ta' Diċembru, 2009 fuq rikors ta' MALTA ENTERPRISE CORP ġie ffissat il-jum tal-Erbgha, 17 ta' Marzu, 2010 fl-10.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'18, BOLOGNA CENTRE, MOSTA TECHNOPARK, MOSTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MEDITERRANEAN BROADCASTING EQUIPMENT LTD.

Vettura Opel Calabria, grinders, pipes, cutters, lifters, conference table, xkaffar u ħafna affarijiet oħra.

L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 75/2009.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 9 ta' Marzu 2010.

DOTT. NADYA FIOTT
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 23rd December 2009 on the application of MALTA ENTERPRISE CORP, Wednesday 17th March 2010 at 10.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 18, BOLOGNA CENTRE, MOSTA TECHNOPARK, MOSTA of the following items seized from the property of MEDITERRANEAN BROADCASTING EQUIPMENT LTD.

Vehicle Opel Calabria, grinders, pipes, cutters, lifters, conference table, shelving and other items.

The said objects will be sold as described in the acts of the judicial sale by auction number 75/2009.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 9th March, 2010.

DR NADYA FIOTT
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

468

B'digriet mogħti fil-25 ta' Frar 2009, fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet Maria Rosa Gauci vs Grezzju Schembri et, rikors numru 69/08 GG, il-Bord li Jirregola l-Kera, ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, Rikors Numru 69/08 GG, fl-ismijiet Maria Rosa Gauci u uliedha Richard Gauci (KI 853749M) Carmen Gauci (KI 495548M) u Marianna Gauci vs Grezzju Schembri u martu Pauline sive Polly, fl-20 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrenti Maria Rosa Gauci et, talbet bir-rispett:

Illi ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, dan il-Bord jogħġbu jagħti l-permess għall-ksib lura lill-esponenti tal-pussess tal-fond nru 143, Sqaq numru 2, fi Triq Bajada, Żabbar u tipprefiġġi terminu operattiv biex l-intimati jiżgombraw definittivament mill-istess fond.

By means of a decree given on the 25th February 2009, in the Records of the Application in the names Maria Rosa Gauci vs Grezzju Schembri et, application number 69/08 GG, the Rent Regulation Board, ordered the following publication, for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Rent Regulation Board, Application Number 69/08 GG, in the names Maria Rosa Gauci and her children Richard Gauci (ID 853749M) Carmen Gauci (ID 495548M) and Marianna Gauci vs Grezzju Schembri and his wife Pauline sive Polly, on the 20th October 2008, the applicants Maria Rosa Gauci et, asked with respect:

That in terms of Article 8 of Cap. 69 of the Laws of Malta, this Board grants permission to the applicants, for the taking back of the possession of the premises number 143, Alley number 2, in Bajada Street, Żabbar and to fix an operative term so that the respondents definitely vacate the same premises.

Rikorrenti: 116, Triq Marloċċ, Żabbar.
Intimat: 143, Sqaq numru tnejn, Triq Bajada, Żabbar.

Lista ta' Xhieda.

Ir-Rikors fl-ismijiet Gauci Maria Rosa et vs Schembri Grezzju et, Rikors Numru 69/08 GG, jinsab differit għat-2 ta' Ġunju 2010, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Bord li Jirregola l-Kera) illum 9 ta' Marzu 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicants: 116, Triq Marloċċ, Żabbar.
Respondent: 143, Alley number two, Triq Bajada, Żabbar.

List of Witnesses.

The Application in the names Gauci Maria Rosa et vs Schembri Grezzju et, Application Number 69/08 GG, has been put off to the 2nd June 2010, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts (Rent Regulation Board) today 9th March 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

469

B'digriet mogħti fis-26 ta' Frar 2010 fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Guillaumier Anthony E. Et vs Orsini Daniel, rikors numru 881/08 JA, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Alfred Orsini, li ġie kjamat in kawża, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Anthony E. Guillaumier (KI 80740M), John Guillaumier (KI 485715M), Paul Guillaumier (KI 82783M) Marlene Laspina (KI 920151M) Francis Dingli (KI 223326(M), Mary Dingli (KI 977550M), Anthony Dingli (KI 400854M), Josephine Cilia (KI 196849M) Carmen Vella (KI 519447M), Frank Abela (KI 651925M) u martu Rita Abela (KI 560523M) Raymond Mintoff (KI 111326M) u martu Josephine Mintoff (KI 294426M) u l-kumpanija Prestressed Company Limited (C 666) vs Daniel Orsini (KI 80270(M) fl-1 ta' Settembru 2008, ir-rikorrenti Anthony E. Guillaumier et, talab lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skont l-Artikolu167 et seq, tal-Kap. 12, u tiddikjara illi l-intimat qiegħed jokkupa parti mill-proprjetà tar-rikorrenti li jaċċedi għaliha mill-bieb immarkat bin-numru erbgħa (4) fis-Sur ta' San Salvatur, fi Triq Ġdida fi Triq San Dwardu, Birgu, Malta mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt in subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' dokumenti.

By means of a decree given on the 26th February 2010, in the Records of the Sworn Application, in the names Guillaumier Anthony E. Et vs Orsini Daniel, application number 881/08 JA, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Alfred Orsini, who was called into the cause, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Anthony E. Guillaumier (ID 80740M), John Guillaumier (ID 485715M), Paul Guillaumier (ID 82783M) Marlene Laspina (ID 920151M) Francis Dingli (ID 223326M) Mary Dingli (ID 977550M) Anthony Dingli (ID 400854M), Josephine Cilia (ID 196849M) Carmen Vella (ID 519447M), Frank Abela (ID 651925M) and his wife Rita Abela (ID 560523M), Raymond Mintoff (ID 111326M) and his wife Josephine Mintoff (ID 294426M) and the company Prestressed Company Limited (C 666) vs Daniel Orsini (ID 80270M) on the 1st September 2008, the applicants Anthony E. Guillaumier et, asked this Honourable Court, saving any necessary and opportune declaration:

1. To uphold the demand of the applicants and deliver judgement without proceeding to a hearing of the cause according to Article 167 et seq, of Cap. 12 and declare that the respondent is occupying part of the property of the applicants to which he accedes from the door marked number four (4) in the Bastion of San Salvatur, in New Street, in San Dwardu Street, Birgu, Malta, without any valid title at law, and uphold the other demands in the application.

With costs against the respondent summoned so that a reference to her evidence be made.

List of witnesses.

List of documents.

Rikorrenti: Anthony Guillaumier et, 206, 'Cannon House', Cannon Road, Santa Venera, Malta.

Intimat: Alfred Orsini, 22, Salvatur, Triq San Dwardu, Birgu.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Guillaumier Anthony E. Et vs Orsini Daniel, rikors numru 881/08 JA, jinsab differit għat-12 ta' Marzu 2010, fl-10.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Marzu 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

Applicants: Anthony Guillaumier et, 206, 'Cannon House', Cannon Road, Santa Venera, Malta.

Respondent: Alfred Orsini, 22, Salvatur, Triq San Dwardu, Birgu.

The Sworn Application in the names Guillaumier Anthony E. Et vs Orsini Daniel, application number 881/08 JA, has been put off to the 12th March 2010, at 10.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 10th March 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

470

B'digriet mogħti fil-5 ta' Novembru 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2277/08, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs High Enterprises Limited u Joseph Caruana Curran, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Caruana Curran, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Illum 21 ta' Lulju 2008.

Lil: 1. High Enterprises Ltd (C 31981)
2. Joseph Caruana Curran (KI 31758(M)

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara, jinterpellakom ai termini tal-Artikolu 66 tal-Att XX111 tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' tmienja u tmenin elf seba' mija sebgħa u erbgħin Ewro tmienja u ħamsin ċenteżmu (€88,747.58) rappreżentanti ammont dovut minnkom skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment iżda mhux esklussivament sabiex, tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kontra tagħkom permezz tal-Avviż li ntbagħat għall-ħlas fil-15 ta' Marzu 2008.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom permezz tal-mandati opportuni.

By means of a decree given on the 5th November 2008, in the records of the judicial letter number 2277/08, in the names Commissioner for Value Added Tax vs High Enterprises Limited and Joseph Caruana Curran, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Joseph Caruana Curran, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court.

Today 21st July 2008.

To: 1. High Enterprises Ltd (C 31981)
2. Joseph Caruana Curran (ID 31758(M)

By the present, the Commissioner for Value Added Tax of Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara, calls upon you in terms of Article 66 of Act XX111 of 1998, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of eighty eight thousand seven hundred forty seven Euro and fifty eight cents (€88,747.58) representing amount due by you according to the same Act.

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particulary, but not exclusively, to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax , has against you by means of the Notice sent for payment on the 15th March 2008.

In default, the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

Tant biex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Notifika: 1. 15, Spencer Hill, Marsa.
2. 43 J, St Paul's Buildings, Flat 5, Triq il-Punent, Valletta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Marzu 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Service: 1 . 15, Spencer Hill, Marsa.
2. 43 J, St Paul's Buildings, Flat 5, Triq il-Punent, Valletta.

Registry of the Superior Courts, today 10th March 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

471

B'digriet mogħti fil-5 ta' Novembru 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3646/09, fl-ismijiet il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Walter Zammit (KI 499748M), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 12 ta' Ottubru 2009

Lil: Walter Zammit (KI 499748(M)

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jinterpellak ai termini tal-Artikolu 59 tal-Att XX111 tal-1998 sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' tlieta u disgħin elf, disa' mija u għoxrin Ewro u tnejn u tmenin Ewro ċenteżmu (€93,920.82) rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont l-Att XX111 tal-1998 fuq imsemmi sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tiegħek permezz tal-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara.

Intimat: 93, Triq San Ġwann, Valletta.

By means of a decree given on the 5th November 2009, in the records of the judicial letter number 3646/09, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Walter Zammit (ID 499748M) the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 12th October 2009

To: Walter Zammit (ID 499748(M)

By the present, the Commissioner for Value Added Tax, calls upon you in terms of Article 59 of Act XX111 of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of ninety three thousand nine hundred twenty Euro and eighty two Euro cents (€93,920.82) representing amount due by you as Value Added Tax.

With costs and interest according to Act XX111 of 1998 above mentioned till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, and particularly, but not exclusively in order to render executable, the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax has against you by means of the Notice sent to you.

In default the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselve and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara.

Respondent: 93, Triq San Ġwann, Valletta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Marzu 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 10th March 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

472

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Isslam Tawfik Issa (K.I. 20380A) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 80/10 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID numri 1843/2001 u 1503/1997, fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 9 ta' Marzu 2010.

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Isslam Tawfik Issa (I.D. 20380A) filed an application under oath (No. 80/10 NC) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH numbers 1843/2001 and 1503/1997, in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today 9th March 2010

BRUNO ZAHRA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

473

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-24 ta' Awwissu 2007, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati mill-HSBC Bank Malta plc, fit-28 ta' Diċembru 2009, qed tintalab tpaċċija tal-ammont ta' €24,000 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 51/2007 fl-ismijiet HSBC Bank Malta PLC vs Vella Martin et, miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fl-10 ta' Diċembru 2009.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Prim'Awla, illum l-10 ta' Marzu, 2010.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 24th August 2007, given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by HSBC Bank Malta plc on the 28th of December 2009, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €24,000 following judicial sale by auction 51/2007 in the names HSBC Bank Malta PLC vs Vella Martin et, held under the Authority of the said Court on the 10th of December 2009.

Registry of the Civil Court First Hall, today the 10th March, 2010.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

474

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Frar 2010, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Rikors Numru 506/09JAB ippreżentat minn Alison Farrugia fl-14 ta' Diċembru 2009 wara ċ-Ċedola ta' Depożitu Numru 2789/09 tal-Bank of Valletta plc fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 3549/09 fl-ismijiet Go plc (C22334) kontra Martin Farrugia u Alison Farrugia (KI 500077M u 580978M) rispettivament premettiet:

Illi permezz ta' ċedola ta' depożitu fuq premessa, il-Bank sekwestratarju ddepożita s-somma ta' €1,841 rappreżentanti depożiti bankarji li kellu f'idejh:

Illi dawn il-flus ittieħdu mill-Young Savers Account tal-wild minuri tal-partijiet, liema somom ġew depożitati għall-perjodu fiss u ma setgħux lanqas jiġu żbankati qabel it-tfal jagħlqu età stipulata fil-kondizzjonijiet kuntrattwali li jirregolaw tali depożiti;

Illi dan jirrappreżenta ftehim kontrattwali bejn id-depożitanti u l-Bank u ma setax jiġi terminat mill-istess Bank mingħajr ftehim ieħor mad-depożitanti Alison Farrugia;

Illi inoltre l-esponenti u wliedha m'għandhomx mezzi indipendenti u jgħixu bil-manteniment li jgħaddilhom Martin Farrugia pendente lite stante li l-partijiet huma għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali. Martin Farrugia hu moruż fil-pagament tal-manteniment u ilu moruż għall-diversi xhur u għandu jħallasha f'arretrati skont ordnijiet vigenti tal-Qorti kompetenti l-ammont ta' €8,142.75. Din is-somma tirrappreżenta manteniment għal madwar disa' xhur;

Illi għalhekk l-ammont depożitat hu bżonnjuż għall-ħajja tagħha u ta' wliedha u semmai għandu jiġi rilaxxat lilha stante li jirrappreżenta manteniment tagħha u tat-tfal għal dawn l-aħħar disa' (9) xhur.

Illi skont il-Liġi mandat ta' sekwestru ma' jistax jolqot l-ammont minimu stabbilit bil-Liġi kkalkolat mil-leġislatur bħala ammont li jkollu bżonn id-debitur għall-għejxien tiegħu u tal-familja tiegħu;

Illi fil-każ in esami, l-ammont hekk depożitat effettivament għandu jagħmel tajjeb għall għejxien tagħha u tat-tfal għax-xhur li fihom żewgha kien moruż u għalhekk mhux ġust li jiġi kolpit mill-mandat premess u se joħloq preġudizzju gravi għaliha u għat-tfal. Il-manteniment tagħha u tal-wild hu privileġġat fuq it-talba tal-kreditur odjern.

By means of a decree of the 3rd February 2010, the Court of Magistrates (Malta) ordered the publication of the following extract for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application Number 506/09JAB presented on the 14th December 2009 after the Schedule of Deposit Number 2789/09 of Bank of Valletta plc in the acts of the Garnishee Order Number 3549/09 in the names Go plc (C22334) against Martin Farrugia and Alison Farrugia (ID500077M and 580978M respectively) by means of which it was premised:

That by means of the schedule of deposit above mentioned, the Bank deposited the sum of €1,841 respresenting bank deposits that it holds;

This money was taken from the Young Savers Account of the minor child of the parties, which sum was deposited for a fixed period and which money could not be withdrawn before the children reach the stipulated age in the contractual conditions that rule such deposits;

That this represents a contractual agreement between the depositants and the bank, and the Bank couldn't terminate such agreement without agreement with the depositor Alison Farrugia;

Besides that the interpellant and her children do not have independent means and they live by means of the maintenance that Martin Farrugia passes to them since pendent lite because the parties are in the procedure of a personal separation. Martin Farrugia is in delay of paying maintenance and has been in default for a number of months and has to pay in arrears according to the orders of the competent Court in the amount of €8,142.75. This sum represents maintenance for about nine months.

Thus the the amount deposited is necessary for the maintencance of the interpellant and her children and if it has to be released it is to be taken by her since it represents maintenance for her and her children for the last nine months.

According to law a garnishee order cannot effect the minimum amount established by law calculated by the legislator as the amount that the debtor needs for his living and of his family;

That in the case in examination, the amount deposited in effect has to account for her maintenance and of the children for the months when her husband was in default and then it is not right that it be effected by the warrant premised and shall create serious prejudice for her and the children. Her maintenance and of the children is privileged according to the demand of the present creditor.

Għaldaqstant l-esponenti topponi għad-depożitu premess u titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tillibera d-depożitu favur tagħha sabiex tiġi liberament irtirata minnha.

Bl-ispejjeż.

Notifika Go plc
BOV plc
Martin Farrugia Paul, Triq ix-Xilep, Xgħajra.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Maġistrati Dott. J Apap Bologna, BA LL.D.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna n-notifika tal-istess rikors lis-soċjetà intimata b'jumejn (2) żmien għar-risposta.

Tappunta r-rikors għas-smigħ għas-seduta tat-22 ta' Diċembru 2009 fid-9.30 a.m. li ġie differit għall-14 ta' April 2010 f'nofsinhar.

Illum 16 ta' Diċembru 2009.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 10 ta' Marzu 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus the applicant opposes to the mentioned deposit and asks with respect that this Honorable Court releases this deposit in her favour so that it be freely withdrawn by her.

With costs.

Service Go plc
BOV plc
Martin Farrugia Paul, Triq ix-Xilep, Xgħajra.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Magistrate Dr J Apap Bologna, BA, LL.D.

The Court,

Saw the application,

Orders that the defendant company be notified and has to file a reply within two days.

The application was put off for 22nd December 2009 at 9.30 a.m. and was again put off for the 14th April 2010 at noon.

Today 16th December 2009.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 10th March 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

475

Ikun jaf kulħadd illi b'diġriet tat-3 ta' Marzu, 2010 mogħti mill-Qorti tal-Prim' Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat mis-soċjetà HSBC Bank Malta plc fis-27 ta' Ottubru, 2009, qed jintalab l-iżbank tal-ammont ta' €3,029.14 depożitati b'ċedola numru 1201/2009 fl-ismijiet:

HSBC Bank Malta plc vs Emanuel Schembri.

Il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors b'erbat ijiem żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Prim' Awla Ċivili (Malta), illum 10 ta' Marzu, 2010.

SAVIOUR AQUILINA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 3rd March, 2010 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by HSBC Bank Malta plc on the 27th October, 2009, is asking for the withdrawal of the amount of €3,029.14 deposited by Schedule of Deposit number 1201/2009 in the names of:

HSBC Bank Malta plc vs Emanuel Schembri.

The Court ordered the notification of this application with four days notice for filing a reply.

Registry of the First Hall of the Civil Courts (Malta), today the 10th March, 2010.

SAVIOUR AQUILINA
For the Registrar of Courts and Civil Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*